MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2051/2004

**Luigi Cassar Manghi (I.D. 519059M), John Cassar (I.D. 442152M) u Maria Rossella Dalmas (I.D. 525548M)**

**Vs**

**Joseph Sammut (I.D. 148069M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm3.72c (tlett liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu) rapprezentanti cens dovut minnu bir-rata ta’ Lm0.93c (tlieta u disghin centezmu) fis-sena liema somma hi dovuta ghall-fond 242, Triq id-Duluri, Pieta’ ghall-perjodi mis-7 ta’ Marzu 2000 sas-6 ta’ Marzu 2001, mis-7 ta’ Marzu 2001 sas-6 ta’ Marzu 2002, mis-7 ta’ Marzu 2002 sas-6 ta’ Marzu 2003 u mis-7 ta’ Marzu 2003 sas-6 ta’ Marzu 2004, liema cens jithallas b’lura.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-talba kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Claudine Zarb tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------